MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 842/2014

**Samchrome FZE socjeta` estera rregistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE) u b`digriet tas-17 ta` Novembru 2014 l-isem tas-socjeta` attrici gie jaqra "Dr Kenneth Grima bhala mandatarju specjali ta` Samchrome FZE socjeta` estera registrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE)**

***kontra***

**1. Danko Koncar (Passaport Croat Numru 086967790) f`ismu propju ;**

**2. Dr. Renald Micallef (785956M) bhala stralcjarju tas-socjeta` KDK Limited qabel Samchrome Limited (C35840) u ghan-nom tal-istess socjeta` KDK Limited ;**

**3. Dr. Renald Micallef (785956M) f`ismu proprju ;**

**4. Donatella Bondin (30882M), f`isimha proprju u bhala stralcjarja antecedenti ta` KDK Limited, ghall-perjodu ta` bejn il-hatra taghha bhala tali u s-sussegwenti rizenja**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat, li kien prezentat fil-<u>25 ta` Settembru 2014</u>, fejn abbazi tal-premessi hemm imfissra, l-attur noe talab lill-Qorti sabiex :-

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Danko Koncar huwa personalment responsabbli flimkien u in solidum mal-intimati l-ohra, jew min minnhom, ghall-hlas tal-ammont imsemmi fil-credit note, kif fuq imsemmi fil-punt numru 1 ta` dan ir-rikors, flimkien mal-imghax legali relattiv fuq dak l-ammont mit-8 ta` Jannar tas-sena 2010 sad-data tal-pagament effettiv, u dan billi tiddikjara wkoll illi minhabba l-agir abbusiv, illegali u sahansitra kriminuz tieghu meta ghamel dikjarazzjoni ta` solvenza falza ma` Awtorita` Pubblika, u cioe` l-MFSA, meta ddecieda li jillikwida s-socjeta` KDK Limited volontarjament, iddikjara li kien tal-fehma li l-kumpannija kienet tista` thallas id-djun taghha kollha sal-31 ta` Dicembru 2013 meta kien ben konsapevoli tal-ezistenza tal-ammont indikat fil-credit note u kien ilu hekk jaf zmien twil, huwa sar hati ta` wrongful trading u fraudulent trading u b`hekk kiser diversi provvedimenti tal-Malta Companies Act, u liema agir gieghel li s-socjeta` KDK ma tkunx tista` aktar tinheba wara l-limitation of liability taghha.*

*2. Konsegwentement tordna l-'lifting of the corporate veil' tas-socjeta` KDK Limited u tordna wkoll illi s-somma ndikata flimkien mal-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv ghandha tithallas mill-intimat personalment u/jew flimkien u in solidum mal-intimati l-ohra kif din il-Qorti jidhrilha.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati, Dr Renald Micallef, bhala stralcjarju presenti tas-soicjeta` KDK Limited, u Donatella Bondin, bhala stralcjarja ta` qablu, naqsu jew min minnhom, milli jezercitaw id-dmirijiet taghhom naxxenti mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew abbuzaw mill-poteri fdati lilhom billi kkommettew atti u/jew ommissjonijiet in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu tal-Ligijiet ta` Malta, senjatament pero` mhux biss tal-Artikoli 272 u 312 tal-istess Kap.*

*4. Konsegwentement tordna t-tnehhija mmedjata tal-prezenti stralcjarju tas-socjeta` KDK Limited, Dr Renald Micallef, u tahtar stralcjarju iehor minfloku, li jigi propost mis-socjeta` rikorrenti u kkonfermat minn din il-Qorti, jew kwalunkwe stralcjarju iehor, skond kif dil-Qorti jidhrilha xieraq u opportun ;*

*5. Konsegwentement ukoll tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati Donatella Bondin u/jew Dr Renald Micallef huma personalment responsabbli flimkien u in solidum masl-intimati l-ohra billi kkommettew atti jew naqsu minn dmirijiethom in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta u, senjatament in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet imsemmijin supra u konsegwentement responsabbli ghall-hlas tal-ammont dovuit imsemmi supra u ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` rikorrenti bhala konsegwenza tal-atti u/jew omissjonijiet kommessi minnhom ;*

*6. Tillikwida dawn id-danni, occorrendo permezz ta` periti nominandi*

*7. Konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex personalment u/jew in solidum bejniethom u f`dik il-porzjoni li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li huma responsabbli ghall-istess danni, jekk ikun il-kaz, ihallsu lis-socjeta`*

*rikorrenti in linea ta` Danni dak l-ammont li jigi hekk illikwidat bhala konsegwenza tal-eghmilhom kif spjegat izjed `il fuq ;*

*8. Finalment u fl-eventwalita` illi din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talba jew talbiet hawn fuq dedotti tirreferi dan il-kaz u/jew id-decizjoni tal-istess lill-awtoritajiet kompetenti biex l-intimati jew min minnhom jigu debitament investigati ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Bl-ispejjez, kemm gudizzjarji kif ukoll extra-gudizzjarji, inkluzi wkoll dawk subiti mis-socjeta` rikorrenti ghas-servizzi professjonali moghtija minn konsulenti legali barranin qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, dawk tal-Mandat ta` Sekwestru u Mandat ta` Qbid Numri 112/2014 u 111/2014 rispettivament, bl-imghaxijiet legali mit-8 ta` Jannar tas-sena 2010 sad-data tal-pagement effettiv tal-ammont dovut u msemmi fil-credit note, u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni. B`riserva wkoll ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimati kollha jew min minnhom anke azzjoni kriminali.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attur *nomine* u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi fit-13 ta` Ottubru 2014 (tergo ta` fol 25) il-konvenut Dr Renald Micallef *nomine* u l-istess Dr Renald Micallef *proprio* kien notifikat, b`zewg notifiki separati, bir-rikors guramentat, bid-dokumenti u bl-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-attur *nomine* fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2014.

Rat illi wara li kienu debitament notifikati skond il-ligi, il-konvenuti Danko Koncar u Donatella Bondin ipprezentaw flimkien risposta guramentata fejn, apparti eccezzjonijiet ta` natura preliminari, sostnew li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn dawn il-konvenuti u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-risposta guramentata taghhom.

Rat illi abbazi tal-atti, ma rrizultax li l-konvenut Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* pprezenta risposta guramentata, u ghalhekk *prima facie* kien kontumaci.

Rat ir-rikors li pprezenta l-istess Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* fit-12 ta` Dicembru 2014 li jaqra hekk :-

*ILLI, nhar is-**16 ta` Jannar 2014**, il-kumpannija esponenti KDK Limited (C 35840), fuq struzzjonijiet tad-direttur u l-ultimate beneficial owner taghha Danko Koncar, tpoggiet fi stralc, u konsegwentement giet mahtura Donatella Bondin bhala stralcatarja tal-istess kumpannija skond il-ligi ;*

*ILLI, sussegwentement, u cjoe` nhar it-**22 ta` Jannar 2014**, il-kumpannija Samchrome Fze ipprezentat kawza, bil-procedura sommarja specjali kif kontemplata taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), kontra l-istess kumpannija esponentiKDK Limited (C 35840) - ossija rikors guramentat numru 55/2014 AE, debitament anness mar-rikors guramentat promutorju odjern bhala **Dokument A**,fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited - li permezz taghha hija talbet, fost ohrajn, illi l-kumpannija esponenti hawn fuq indikata tigi kkundannata thallasha s-somma ta` cirka tlieta punt sitta miljun Ewro (€3,600,000) ;*

*ILLI, nhar it-**3 ta` Frar 2014**, Donatella Bondin irrizenjat mill-kariga taghha ta` stralcatarja tal-kumpannija esponenti msemmija u, minflok, gie mahtur l-esponent Dr. Renald Micallef bhala stralcatarju skond il-ligi ;*

*ILLI, waqt is-seduta tal-10 ta` Marzu 2014 (**DOK: RM1**), u wara li din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, rat illi l-kumpannija esponenti KDK Limited (C 35840) kellha eccezzjonijiet prima facie, fil-ligi jew fil-fatt, xi ggib kontra l-meritu tal-kawza hawn fuq imsemmija (**DOK: RM2**), ippermettiet lill-esponent Dr. Renald Micallef, fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju tal-istess kumpannija, sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu ;*

*ILLI, effettivament, ir-risposta guramentata hawn fuq imsemmija giet debitament ipprezentata mill-esponent, u l-kawza hawn fuq imsemmija - li fiha l-esponent, fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju, huwa patrocinat mill-Avukat sottofirmat -issa tinstab miexja fil-kors ordinarju taghha, u hija differita ghal nhar it-Tnejn 15 ta` Dicembru 2014 sabiex isiru l-kontro-ezamijiet relattivi ;*

*ILLI, nhar is-17 ta` Novembru 2014, l-esponent, fil-kapacita` tieghu kif inghad, gie notifikat b`rikors illi sar fl-atti tal-kawza hawn fuq imsemmija (**DOK: RM3**), u huwa ghadda kopja ta` dan l-istess rikors lill-Avukat sottofirmat sabiex l-istess Avukat ikun jista` jikkonsulta ma`, u jiehu struzzjonijiet minghand, Danko Koncar f`dan ir-rigward ;*

*ILLI, madankollu, mill-atti tal-istess rikors, irrizulta illi l-kumpannija Samchrome Fze kienet ipprezentat **kawza ohra** kontra l-esponent, fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju tal-kumpannija KDK Limited (C 358040), u addirittura kontra l-istess esponent personalment, li hija, proprju, l-kawza odjerna ;*

*ILLI dan irrizulta mill-kopja tar-rikors guramentat tal-kawza odjerna li gie anness bhala **Dokument X** mar-rikors hawn fuq imsemmi ;*

*ILLI, minn aktar stharrig, irrizulta illi l-esponent, f`ismu proprju u fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju tal-kumpannija KDK Limited (C 35840), kien gie notifikat bir-rikors guramentat promotorju tal-kawza odjerna nhar it-13 t`Ottubru 2014, u li l-istess esponent kien naqas milli jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fit-terminu moghti mill-ligi ;*

*ILLI, madankollu, u minhabba r-ragunijiet hawn taht imsemmija, l-esponent huwa tal-umli fehma illi dan in-nuqqas m`ghandux jitqies bhala nuqqas volut li jista` jammonta ghal htija, u certament li m`ghandux jitqies bhala dispett lejn is-sejha ta` din l-Onorabbli Qorti ;*

*ILLI s-suespost qieghed jinghad, fost ohrajn, ghas-segwenti ragunijiet :*

*I. Naturalment, il-meritu tal-kawza hawn fuq imsemmija, mibdija b`rikors guramentat numru 55/2014 AE, jirreferi ghal allegati transazzjonijiet li saru bejn Samchrome Fze u KDK Limited (C 35840), qabel ma l-esponent gie mahtur bhala stralcatarju tal-istess KDK Limited (C 35840) nhar it-3 ta` Frar 2014 ;*

*Proprju minhabba f`hekk, din l-istess kawza hawn fuq imsemmija qieghdha titmexxa kwazi esklussivament mill-Avukat sottofirmat abbazi tal-informazzjoni li tigi moghddija lilu minn zmien ghal zmien minn Danko Koncar, li kien l-uniku direttur tal-istess kumpannija msemmija, u li ghadu l-ultimate beneficial owner taghha sal-gurnata tallum ;*

*Ghalhekk, u minkejja li l-esponent, fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju ta` KDK Limited (C 35840), jezigi li jinzamm infurmat kontinwament bl-andament tal-kawza hawn fuq imsemmija, huwa ftit li xejn jippartecipa fl-andament tal-istess kawza, u dan anke ghaliex huwa m`huwiex kompletament edott mill-istorja kollha tal-kumpannija msemmija, u mit-transazzjonijiet kollha li hija ghamlet, sa minn meta giet inkorporata fl-2005 sal-gurnata tallum ;*

***F`dawn ic-cirkostanzi, u f`cirkostanzi fejn, ghalhekk, iz-zewg kawzi msemmija saru minn Samchrome Fze kontra, fost ohrajn, l-esponent fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju tal-kumpannija KDK Limited (C 35840), l-esponent naqas milli jiddistingwi bejniethom, ossija ma ntebahx illi r-rikors guramentat promutorju tal-kawza odjerna kien jirreferi ghal kawza gdida, u mhux ghal xi rikors - fost il-hafna rikorsi li saru - li gie pprezentat fl-atti tal-kawza l-ohra mibdija b`rikors guramentat numru 55/2014 AE.***

*II. Nhar it-2 ta` Lulju 2014, u ad insaputa tal-esponent, gie registrat tibdil mal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta, fl-indirizz registrat tal-konvenut Danko Koncar f`din l-istanza (**DOK: RM4**) ;*

*Effettivament, l-indirizz registrat precedenti tal-imsemmi Danko Koncar kien ukoll l-ufficju registrat ta` kumpannija ewlenija lokali li topera fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u ghalhekk l-istess Danko Koncar dejjem kien jigi notifikat fil-pront kull meta kien ikun hemm il-htiega ;*

*L-esponent u l-Avukat sottofirmat it-tnejn ghandhom relazzjoni professjonali mal-kumpannija msemmija - u konsegwentement ikunu f`kuntatt regolari maghha, anke dwar materji ohrajn - u ghalhekk qatt ma kien hemm problemi b`notifiki, billi l-kumpannija msemmija dejjem kienet, fil-pront, tghaddi kwalsiasi dokumenti li hija kienet tircievi fl-indirizz taghha, inkluz dawk relattivi ghall-kawza mibdija b`rikors guramentat numru 55/2014 AE, lil Danko Koncar;*

*Madankollu, t-tibdil fl-ufficju registrat ta` Danko Koncar fisser, fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz, illi, effettivament, l-esponent kien l-ewwel wiehed mill-konvenuti kollha f`din l-istanza li gie notifikat bir-rikors guramentat promotorju odjern ;*

*Fil-fatt, sallum, l-esponent ghadu l-uniku konvenut li gie notifkat bir-rikors guramentat promotorju, u dan wassal sabiex l-istess esponent kien fl-impossibilita` li tingibidlu l-attenzjoni li, effettivament, kienet giet ipprezentata **kawza gdida f`ismijiet simili hafna ghal dik gja` pendenti u mibdija b`rikors guramentat numru 55/2014 AE**.*

***III.** Fil-kawza odjerna, l-esponent qieghed mhux biss jigi mharrek fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju tal-kumpannija KDK Limited (C 35840), izda addirittura qieghed jigi mharrek ukoll fil-kapacita` tieghu personali, u dan inkluz ghal hlas tas-somma msemmija ta` cirka tlieta punt sitta miljun Ewro (€3,600,000), u oltre d-danni ohrajn u l-imghaxijiet li qieghda titlob Samchrome Fze ;*

*Naturalment, l-esponent qatt ma seta` jimmagina li xi hadd seta` jipprova jzommu responsabbli personalment ghal sommom tant astronomici, specjalment f`cirkostanzi fejn l-istess esponent, minbarra li jipprezerva l-kumpannija KDK Limited (C 35840), qieghed biss, f`dan l-istadju, jistenna d-direzzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawza mibdija b`rikors guramentat numru 55/2014 AE, sabiex jara jekk il-kreditu hemm allegat jigix kanonizzat jew le ;*

*Ghalhekk, certament illi kien fl-akbar interess tal-esponent personalment illi jiddefendi l-posizzjoni tieghu fl-atti tal-kawza odjerna.*

*ILLI, fil-fehma umli tal-esponent, is-suespost ghandu juri b`mod car illi ma kien hemm l-ebda nuqqas volut minn naha tal-esponent li jista` jammonta ghal htija, u certament l-ebda dispett lejn is-sejha tal-Qorti, u li ghalhekk l-istess esponent m`ghandux ibati s-sanzjoni rigoruza li jgib mieghu l-istitut tal-kontumacja, u dan kemm fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, u anke in salvagwardja tal-principju audi alteram partem;*

*ILLI, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle LImited (C 49546) vs. Farenheit Freight Forwarders Co. Limited (C 17421) Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited**, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, nhar it-12 ta` Jannar 2012:*

***"Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, l-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita` tal-***

***procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m`għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikabbli;***

***Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta` persuna mharrka hija gustifikabbli u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkunx b`daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga` f`postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tircievi l-atti tal-kawza, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;***

***[...]***

***Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja b`tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b`din il-linja wkoll sa dawn l-ahhar zminijiet u gharfu u fissru bejn dik il-parti mharrka li turi disinteress assolut u l-ohra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawza u li ma lahqitx ghamlet dan jew ma lahqitx uzat il-mezzi li taghtiha l-ligi ghal raguni li ma kinitx tahti ghaliha;***

***[...]***

***Illi min-naha l-ohra, l-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-audi alteram partem jitfa` responsabbilta` mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi miżmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun".***

*GHALDAQSTANT, l-esponent, f`ismu proprju u fil-kapacita` tieghu ta` stralcatarju tal-kumpannija KDK Limited (C 35840), jitlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tawtorizzah jipprezenta r-risposta guramentata tieghu, fil-forma li trid il-ligi, fl-atti tal-kawza odjerna, f`dak it-terminu qasir u perentorju li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop, u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi u salv kwalsiasi provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista` jidhrilha li jkun xieraq u opportun.*

Rat id-digriet li tat fit-22 ta` Dicembru 2014 fejn wara li rat ir-rikors il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti u tat erbat ijiem zmien ghan-notifika.

Rat ir-risposta ghar-rikors li pprezenta l-attur *nomine* fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015 li taqra :-

*1. Illi t-talba maghmulha mill-Avukat Renald Micallef sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu u jigi ammess jipprezenta risposta guramentata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti u l-kontumacja tieghu kkonfermata ghar-ragunijiet li gejjin : Illi bl-ebda mod ma huwa verosimili illi avukat prattikanti u li ilu prattikanti ghal snin twal jecepixxi l-iniorantia legis meta si tratta minn wiehed mill-principji kardinali tad-dritt tal-procedura u li wiehed jitghallem prattikament fl-ewwel gimghat ta` meta jibda jipprattika u/jew jottjeni l-warrant ta` avukat. Hawn mhux si tratta ta` xi persuna illiterata, anzjana, ghaddejja minn xi mumenti ta` mard jew mumenti difficli f`hajjitha jew forsi ghandha patafjun ta` kawzi kontra persuna ohra li allura setghat thawwdet jew b`xi mod ma` kelliex ix-xjenza ta` x`messa ghamlet jew x`kienu d-doveri taghha. Illum il-gurnata kontra kif kien jigi qabel meta c-citazzjoni kienet in printed form u t-twissija biex min jircievi l-att tac-citazzjoni ghandu jmur ghand avukat u jirrispondi f`20 gurnata, ghandek ir-rikors guramentat li qabel l-okkju u b`tipi grassi jwissu lil min jircievi r-rikors hekk kif l-istess rikors jibda jinqara minn min ikun ircevih illi ghandu 20 gurnata cans biex jirrispondi u fin-nuqqas hemm konsegwenzi mill-iktar koroh ghal min jonqos. Dan il-kliem ghandu jwissi sahansitra lil min hu analfabetiku biex ma` jinjorax dik it-twissiha ahseb u ara kemm ghandu jservi bhala caveat lill-avukat prattikanti ghal hafna snin li gie wkoll innominat bhala stralcarju.*

*2. Meta Dr. Renald Micallef, bhala stralcarju u xejn iktar u ppatrocinat mill-istess avukat hass illi kellu jipprezenta guramentata f`dik il-kapacita fil-kawza citazzjoni numru 55/2014 fl-ismijiet Samchrome FZE vs KDK Limited u l-ebda konvenut iehor, kemm kellu izjed jiehu l-izbriga meta jircievi rikors guramentat iehor sostanzjalment differenti u meta huwa gie ccitat bhala konvenut fil-kapacita` tieghu personali u meta wkoll fl-okkju ghat-tieni kawza, dik odjerna hemm iccitati bhala konvenuti wkoll mhux biss fil-kwalita` tieghu personali izda wkoll l-istralcarja ta` qablu Donatella Bondin kif ukoll f`ismu proprju Danko Koncar.*

*3. U kif jista` Dr. Renald Micallef jiddikjara illi fixkel kawza ma ohra meta f`din il-kawza stess hu gie mharrek mhux biss fil-kwalita` tieghu personali izda wkoll fil-kapacita` tieghu ta` stralcarju ta` KDK Limited u lanqas bhala tali ma ntavola r-risposta guramentata.*

*4. Tissottometti l-esponenti illi hija pjuttost stramba l-kumbinazzjoni illi mhux hu biss fil-kapacita tieghu kemm personali kif ukoll ta` stralcarju*

*naqas milli jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu izda anke l-istralcarju ta` qablu Donatella Bondin ghamlet bhalu u wkoll tinsab kontumaci meta anki hi giet mharrka fil-vesti taghha personali u ghall-ammont ta` miljuni ta` ewro. Ghandha mill-veru din il-kumbinazzjoni li meta zewg professjonisti, t-tnejn rinfaccati bl-istess talba u talba ghal dak l-ammont ta` flus jigu t-tnejn jaqaw u jqumu u jiskopru li naqsu mill-obbligi taghhom skond il-ligi tal-procedura?*

*5. Illi kif jista` l-avukat Renald Micallef f`nifs wiehed jghid illi rcieva d-dokument RM3 fis-17 ta` Novembru 2014, rikors li kien gie pprezentat fil-25 ta` Settembru tal-istess sena u liema rikors jispjega bl-iktar mod dettaljat li cirka tlett gimghat qabel u fil-25 ta` Settembru 2014 is-socjeta` Samchrome FZE " kienet ipprezentat rikors guramentat iehor din id-darba kontra intimati intimament assocjati ghalkemm differenti minn dawk f`din il-kawza, kollox skond dak li jinghad fir-rikors guramentat gia msemmi fil-kawza fl-ismijiet Samchrome FZE vs Danco Koncar et liema kawza giet appuntata ghas-seduta tas-17 ta` Novembru 2014 quddiem din l-istess Onorabbli Qorti pero` diversament ppreseduta* ***kopja ta` liema qed jigi hawn anness u mmarkat dokument X. In fatti l-intimati fit-tieni kawza m`huma hadd hlief id-direttur manigerjali u l-beneficarju uniku tas-socjeta` KDK Limited, Danco Koncar u z-zewg stralcarji tal-istess socjeta`*** *" (emfazi mizjuda); u fl-istess nifs jghid illi "naqas milli jidistingwi bejniethom ossia ma` ntebahx illi r-rikors guramentat promptorju tal-kawza odjerna kien jirreferi ghall-kawza gdida u mhux ghal xi rikors – fost il-hafna rikorsi li saru – li gie pprezentat fl-atti tal-kawza l-ohra mibdija b`rikors guramentat numru 55/14AE". Ghandu jinghad f`dan l-istadju illi "l-hafna rikorsi li saru", kif qed jallega Dr. Renald Micallef kienu xejn iktar mir-rikors guramentat promotur u r-rikors tal-4 ta` Novembru 2014 dokument RM3 u huwa allura kemm xejn difficli li wiehed jifhem li kellu jitfixkel Dr. Renald Micallef ghaliex irciva "l-hafna rikorsi li saru" ghax minbarra r-rikors promotur fil-kawza 55/14AE rikors wiehed biss sar.*

*6. Illi ghandu jidher car, qed jigi sottomess mill-assiem tal-attitudni li ha u ghadu jiehu Dr. Renald Micallef fil-kapacita` tieghu ta` stralcarju li ghalkemm ilu f`din il-posizzjoni llum il-gurnata ghal iktar minn 12 –il xahar ghadu u baqa` jikser in flagrante l-obbligazzjoni fuqu mposta mill-Companies Act fuq stralcarju u senjatament, fost ohrajn l-Artikoli 265 et seq, 315 u 272 et seq tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, issa li ilu izjed minn sena jaf illi hemm kreditur fis-somma ta` € 3,791,000 bl-imghaxijiet fuqha, li taghha huwa stralcarju jibqa` qatt ma` jsejjah laqgha` tal-kredituri, attegament iehor dan li jsahhah l-attitudni ta` "nigi naqa` u nqum" b`mod illi flok jaghmel xogholu fl-interess tas-socjeta` li marret in voluntary winding up, jidher b`mod car li qed jiddefendi biss lil uniku beneficarju tal-istess socjeta` meta fi kliemu stess jafferma: "l-esponenti u l-avukat sottofirmat it-tnejn ghandhom relazzjoni professjonali mal-kumpannija msemmija – u konsegwentement ikunu f`kuntatt regolari maghha, anke dwar materji ohrajn – u ghalhekk qatt ma kien hemm problemi b`notifiki, billi l-kumpannija msemmija dejjem kienet, fil-pront, tghaddi*

*kwalsiasi dokumenti li hija tircievi fl-indirizz taghha, inkluzi dawk relattivi ghall-kawza mibdija b`rikors guramentat numru 55/14AE, lil Danko Koncar".*

*7. Kif jista` allura, tenut dana kollu jikkontendi l-avukat Dr. Renald Micallef li "qatt ma seta` jimmagina li xi hadd seta` jipprova jzommu responsabbli personalment ghal sommom tant astronomici specjalment f`cirkostanzi fejn l-istess esponent ... qieghed biss f`dan l-istadju jistenna d-direzzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta ... sabiex jara jekk il-kreditu hemm allegat jigix kanonizzat jew le. Dana meta hija l-Ligi tal-kumpanniji stess illi f`kaz ta` nuqqas li stralcarju jaghmel dak minnu ordnat li jsir permezz tal-istess ligi, jsir hu personalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-kreditur ta` dik il-kumpannija fi stralc, ghal dawk in-nuqqasijiet. Jekk kif qed jikkontendi, "qatt ma` seta` jimmagina" kellu l-akbar dover mhux li jimmagina jew li ma` jimmaginax izda li jaqra l-artikoli tal-Ligi li jimponu fuqu l-obbligi msemmija, izjed u izjed li dan kien diga notifikat ferm qabel ma` ntavola dan ir-rikors b`dak li kien mhux ghad irid jigri imma gara u li huwa kien qed jigi mizmum personalment responsabbli ghan-nuqqasijiet tieghu.*

*8. Ghandu jinghad ukoll illi l-imsemmi Dr. Renald Micallef lanqas biss indenja li jattendi ghal din il-kawza hlief darba biss u fl-ewwel dehera tal-istess u fl-udjenzi kollha l-ohra u cioe` ghal hames differimenti baqa` qatt ma deher. Certament m`hi l-ebda turija din ta` responsabbiltajiet li l-ligi timponi fuq stralcarju izjed u izjed meta si tratta tal-ammont in kwistjoni u meta baqa` qatt ma sejjah laqgha tal-kredituri sal-gurnata tal-lum.*

*9. Il-principju tal-audi alteram partem li mieghu qed jipprova jiggranfa l-intimat Micallef ma jsib l-ebda soljev l-ewwel nett minhabba illi kien hu li ghazel li ma` jirrispondix kif messu ghamel meta gie ttrattat bhal kull konvenut iehor f`materja ta` rikors guramentat billi nghata l-fakolta` li jiddefendi lilu nnifsu pero` deherlu li ma` kellux jaghmel hekk ghax qatt ma` mmagina li hekk kellu jaghmel. Issa qed jipprova jitfa` l-htija tan-nuqqasijiet tieghu fuq din l-Onorabbli Qorti billi fi kliemu jtenni illi din il-Qorti kif preseduta ghandha "responsabbilita mhux zghira ... twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-Tribunal li jkun" Sottomissjoni din, da parti tal-avukat Renald Micallef li, minn fuq li ma jilghabx il-loghba skond ir-regoli jghajjar lir-referee talli jigi ccensurat.*

*10. L-esponenti taghmel riferiment ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Jannar 2005 appell civili numru 126/2003 fl-ismijiet Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited li fiha l-Qorti tal-Appell ghamel riferiment ghal sentenzi ohra dwar gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja u li fiha u fihom l-Qrati qiesu li m`ghandhom jilqghu talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja ta` parti meta dik il-parti ghalkemm moghtija kull cans li tilqa` ghat-talba migjuba kontriha u m`ghamlitx dak li kellha*

*minghajr raguni misthoqqa. Din is-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata* ***dokument A*** *ghal riferiment izjed facli.*

*Interessanti l-fatt illi fis-sentenza illi semma` u kwota minnha l-intimat Dr. Renald Micallef u cioe` c-citazzjoni numru 712/11 fl-ismijiet Market Handle Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited l-intimat semma` biss dik il-parti tas-sentenza li kien jaqbilu jsemmi u halla barra dik il-parti krucjali li kkonvinciet lil Qorti li tiggustifika l-kontumacja ghar-raguni unika illi l-eccezzjoni ma gietx intavolata fiz-zmien minhabba li kienet "wahda marbuta ma` cirkostanzi personali tal-avukat difensur tal-imharrkin u mhux mal-imgiba jew traskuragni taghhom … Johrog li l-imharrkin ma tnikkrux biex ikellmu lil avukat meta l-imharrka Sant Galea laqghat in-notifika. Fl-istess twegiba l-avukat difensur jghid li kien sahanistra hejja t-twegiba mahlufa li kellha titressaq minnu … imma li minhabba ragunijiet ta` sahha, lahaq ghalaq iz-zmien mahsub fil-ligi". Kopja ta` din is-sentenza qed tigi wkoll anness u mmarkata* ***dokument B****. Qed tigi wkoll hawn annessa bhala* ***Dokument C*** *sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta`Jannar 2011 appell civili numru 50/10/1 fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited vs KA.DO.CO. (Gozo) Co. Limited kienet ukoll cahdet talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja minghajr ebda raguni valida.*

*11. Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` esponenti filwaqt li titlob l-izfilz tan-nota ta` eccezzjonijiet annessa mar-rikors promotur u mmarkata dokument RM2 titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba ta` Dr. Renald Micallef biex jiggustifika l-kontumacja tieghu bl-ispejjez kontrih.*

Semghet ix-xiehda ta` Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* biex jiggustifika l-kontumacja tieghu fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2015.

Rat id-dokument li kien prezentat fl-istess udjenza.

Semghet lid-difensuri jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum biex tipprovdi dwar ir-rikors ta` l-konvenut Dr Renald Micallef *proprio et nomine* tat-12 ta` Dicembru 2014.

## II. <u>Ix-xiehda ta` Av. Dr. Renald Micallef</u>

**Fil-qosor** il-konvenut Av. Dr. Renald Micallef xehed illi meta rcieva r-rikors guramentat tal-kawza tal-lum huwa ghamlu *actioned*. Mistoqsi mill-Qorti dan kien x`ifisser huwa wiegeb illi hu ma kellux ghalfejn jiehu azzjoni dwar ir-rikors guramentat ghaliex l-avukat tieghu, Av. Dr. Alex Schembri, li kien qed jiehu hsieb il-kawzi, ikun se jircievi l-att minghand il-konvenut Koncar u jirrispondi.

**Fil-kontroezami,** Dr Micallef wiegeb illi huwa kien ilu avukat 11-il sena u 29 sena accountant. Ikkonferma li huwa rcieva r-rikors guramentat fl-ufficcju tieghu fit-13 ta` Ottobru 2014. Ikkonferma li dik kienet l-unika kawza li rcieva f`ismu personali. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-*occhio* tal-kawza l-ohra kienx differenti minn dak tal-kawza tal-lum, huwa wiegeb li jidhirlu li huwa hekk u li hemm izjed konvenuti fil-kawza l-ohra. Sostna li huwa ma hax azzjoni ghaliex haseb li l-avukat tieghu kien se jircievi r-rikors guramentat minghand parti ohra fil-kawza u kien sejjer jirrispondi hu.

## III. Dritt

Skond l-**Art 158(1) tal-Kap 12**, *il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

Skond l-**Art 158(10) tal-Kap 12**, *jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill- konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

## IV. Gurisprudenza

Il-gurisprudenza taghna hija konkordi dwar il-principji li jirregolaw il-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dwar dawn il-principji hemm ampja riferenza fis-

sentenza li tat din il-Qorti (**PA/LSO**) fis-17 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et**" fejn inghad hekk :-

*"Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja :-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja ;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza ;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta ;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci ;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa ;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili" ;*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d- diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia** (A.C. 16 ta' Frar 1996) :-*

*"F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd</u>**", deciza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li :-*

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici," deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)*

## V. <u>Risultanzi</u>

**Abbazi ta` dak li ppremetta fir-rikors tieghu u ta` dak li xehed fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2015, il-Qorti tiddikjara li Dr. Renald Micallef ma ppruvax ghas-sodisfazzjon taghha - kif trid il-ligi - li kellu raguni tajba ghala ma pprezentax ir-risposta guramentata, fi zmien ghoxrin jum mid-data li fiha kien notifikat - kemm *de proprio* <u>kif ukoll</u> *nomine* – bir-rikors guramentat, bid-dokumenti li kienu annessi mieghu u bl-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza.**

Mhuwiex kontestat illi Dr. Renald Micallef kien notifikat *di persona* fit-13 ta` Ottubru 2014 bir-rikors guramentat, bid-dokumenti li kienu annessi mieghu u bl-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza. Fil-fatt jirrizulta li kien notifikat b`**zewg** *sets* ta` l-istess atti, billi fil-kawza tal-lum, qieghed jigi mharrek kemm *proprio* kif ukoll *nomine*.

Ir-raguni li gab Dr Micallef biex jiggustifika ruhu ma tikkwalifikax bhala "gusta kawza".

Din il-Qorti hija tal-fehma illi Dr Micallef kien sbriggjattiv u superficjali ghall-ahhar meta ttratta z-zewg *sets* ta` atti li kien ircieva bhala *actioned*. Ghax dak jindika li mqar ittawwal lejn il-kontenut tal-atti qabel ghamilhom *actioned*.

Il-Qorti ma tistax twarrab bhal donnu bla sinjifikat partikolari l-fatt illi Dr Micallef mhux biss huwa accountant ghal 29 sena izda ilu wkoll avukat ghal 11-il sena.

Ghal din il-Qorti s-superficjalita` ta` Dr Micallef fil-mod kif ittratta l-atti li kien notifikat bihom imbaghad f`kawza daqstant serja, u b`konsegwenzi daqstant gravi, hija kolpuza.

Ir-ragunijiet li gab Dr. Micallef sabiex isostni l-kontumacja tieghu ma jikkwalifikawx bhala "impediment legittimu".

Din il-Qorti tirrimarka wkoll illi ghalkemm kien notifikat bl-atti fit-13 ta` Ottubru 2014, u pprezenta r-rikors tal-lum fit-12 ta` Dicembru 2014, ma hassx li kellu jidher quddiem il-Qorti fis-seduta ta` wara l-presentata tar-rikors u cioe` fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015.

Fil-kaz tal-lum, in-nuqqas ta` Dr Micallef li jippresenta risposta guramentata fit-terminu prefiss mil-ligi ma jikkwalifikax bhala "impediment legittimu" ghaliex in-nuqqas tal-presentata tar-risposta guramentata da parti tieghu ma jistax jigi skarikat fuq l-avukat tieghu, u kwindi ma jikkwalifikax bhala att jew omissjoni *indipendenti mill-volonta` tieghu.*

Dr Micallef xehed dak li haseb, pero` dak li haseb kien manifestament zbaljat ghal ragunijiet mhux imputabbli lil haddiehor, izda mputabbli lilu u lilu biss.

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-izball ta` Dr Micallef ma kienx invincibbli.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u b`applikazzjoni ta` l-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-konvenut Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* kif dedotta fir-rikors tieghu tat-12 ta` Dicembru 2014, u ghalhekk tikkonferma li l-istess Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* huwa kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Thalli l-kawza ghall-provi tal-attur *nomine* fl-udjenza ta` nhar it-Tlieta 2 ta` Gunju 2015 fis-01.00 p.m.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------